MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 328/1996/1

**Theodora armla minn Victor Gauci Borda, Annette mart Dottor in Medicina Albert Scerri, Joseph Gauci Borda, Alexis mart Pierre Borg u Claire mart Vincent Micallef Pule`**

**v.**

**Frank Borda**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. L-atturi pprocedew kontra l-konvenut b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"L-atturi ppremettew li l-konvenut huwa debitur fis-somma ta' Lm750 oltre l-imghax legali bhala kumpens ta' Lm250 fis-sena li "l-attur" obbliga ruhu li jhallashom minhabba hsarat li qed isofru bin-non uzo tal-garage 42, Kalkara Wharf, Kalkara, mikri lilhom lil terzi, sottostante ghall-proprjeta' fil-pussess tieghu fis-stat dilapidanti.

"Illi l-konvenut kien ihallas lill-mejjet Victor Gauci Borda s-somma ta' Lm250 fis-sena bil-quddiem kull 1 ta' Frar u 1 ta' Settembru.

"Illi fil-frattemp, mill-mewt ta' Victor Gauci Borda, l-konvenut ma hallas xejn lill-atturi u cjoe ghall-perijodu 1 ta' Frar 1994 sat-30 ta' Awissu 1996.

"Peress illi l-atturi huma debituri ta' Lm750 oltre l-imghax legali u dan skond ftehim milhuq bejn il-partijiet kif jirrizulta minn korrispondenza li qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok A u B li jgibu d-dati tas-27 ta' Awissu 1992 u 20 ta' Marzu 1993.

"U ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lilhom is-somma ta' Lm750 oltre l-imghaxijiet bhala kumpens ghal non uzo tal-garage 42, Kalkara Wharf, Kalkara, skond ftehim milhuq bejnu u bejn Victor Gauci Borda."

2. Il-konvenut ikkontesta l-kawza billi eccepixxa illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt billi kull ftehim li talvolta seta' kien hemm kien dejjem intiz li jkun wiehed personali bejnu u bejn il-mejjet Victor Gauci Borda u fit-tieni lok l-atturi kellhom jipprovaw li ghandhom titolu lokatizju validu u vigenti.

3. Inoltre l-konvenut ipprevalixxa ruhu mill-azzjoni diretta kontrih biex jipprezenta s-segwenti kontro-talba kontra l-atturi:-

"U hemm premess id-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

"Peress illi l-konvenut huwa ko-proprjetarju ta' korp ta' appartamenti li huwa soprastanti l-fond 42, Kalkara Wharf, Kalkara illi fuqu l-atturi qed jivvantaw titolu pussessorju.

"Peress illi grat hsara fil-proprjeta' tal-konvenut b'rizultat tal-istat hazin tal-proprjeta' fuq imsemmija li tinsab fil-pussess tal-atturi.

"Peress illi l-atturi huma ghalhekk responsabbli ghall-hsarat u danni sofferti u li qed jigu sofferti mill-konvenut.

"Ghaldaqstant jghidu l-atturi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddikjara lill-atturi responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut fil-proprjeta' immobiljari fuq imsemmija.

2. tillikwida d-danni hekk sofferti.

3. tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut is-somma li tigi hekk likwidata.

"Bl-ispejjez kontra l-atturi minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

4. B'sentenza tal-11 ta' Lulju, 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talba ta' l-atturi izda biss billi kkundannat lill-konvenut ihallashom sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira (Lm625) flimkien ma' l-imghax mit-2 ta' Frar, 1996. Il-kontro-talbiet tal-konvenut gew michuda. L-ispejjez relativi ghat-talbiet ta' l-atturi kellu jinqasmu kwantu ghal hames partijiet minn sitta ($^5/_6$) a karigu tal-konvenut u parti wahda minn sitta ($^1/_6$) ihallsuha l-atturi billi t-talba taghhom kienet ghal aktar milli kellhom tassew jiehdu. L-ispejjez relativi ghall-kontro-talba kellu jhallashom kollha l-konvenut.

5. L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

“F’din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu minghand il-konvenut danni, likwidati bi ftehim, talli minhabba hsara li originat minn bini tal-konvenut l-atturi ma jitsghux jinqdew b’bini iehor mikri lilhom; il-konvenut ipprezenta kontro-talba u qieghed jitlob danni minghand l-atturi ghax qed ighid li huma jahtu ghall-hsara li grat lill-bini tieghu.

“Din il-kawza kienet inbdiet bil-procedura sommarja specjali izda l-partijiet kienu qablu li l-kovenut seta’ jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet. Il-konvenut kien ipprezenta l-kontro-talba tieghu flimkien ma’ l-eccezzjonijiet tieghu.

“Victor Gauci Borda, awtur ta’ l-atturi, kellu b’kiri minghand terzi l-garage numru tnejn u erbghin (42), Kalkara Wharf, il-Kalkara. Victor Gauci Borda kien jikri lil terzi ohra garaging space f’dan il-garage u ta’ hekk kien idahhal mitejn u hamsin lira (Lm250) fis-sena. Il-konvenut ghandu l-fond li jigi fuq dan il-garage. Gara li saret hsara fl-art tal-fond tal-konvenut, li jigi s-saqaf tal-garage mikri lil Gauci Borda, u minhabba f’hekk ma setax aktar jinkera spazju f’dan il-garage, u Gauci Borda tilef id-dhul minnu.

“F’ittra mibghuta lil Victor Gauci Borda fis-27 ta’ Awissu 1992(Dok.A., fol.5) il-konvenut intrabat b’dan il-kliem: “*As for the loss of income of Lm50.00 per car totalling Lm250.00 per anum I hereby accept full responsibility to compensate you in full*”. Victor Gauci Borda accetta din l-offerta u ghal xi snin il-konvenut beda jhallsu mitejn u hamsin lira (Lm250) fiis-sena. Dan il-hlas kien isir kull sitt xhur bil-quddiem.

“Wara li miet Victor Gauci Borda, izda, il-konvenut ma hallasx iktar, u issa s-successuri ta’ Victor Gauci Borda qeghdin jitolbu l-hlas ghaz-zmien bejn l-1 ta’ Frar 1994 u l-31 ta’ Awissu 1996, i.e. il-hlasijiet li kellhom isiru fl-1 tra’ Frar 1994, l-1 ta’ Settembru 1994, l-1 ta’ Frar 1995, l-1 ta’ Settembru 1995 u l-1 ta’ Frar 1996. Ghalhekk l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ghal sentejn u nofs, li jigi b’kollox sitt mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm625), u mhux seba’ mija u hamsin lira (Lm750) kemm qeghdin, bi zball, jippretendu.

“Kontra din it-talba l-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet:-

1. kull ftehim li seta’ kien hemm “kien dejjem intiz mill-[konvenut] bhala wiehed personali bejn il-[konvenut] u l-mejjet Victor Gauci Borda”; u

2. sabiex jirnexxu fit-talba taghhom l-atturi jridu juru li ghandhom titolu ta’ kiri tajjeb li ghadu jiswa sallum.

“Il-konvenut, kif rajna, ressaq ukoll kontro-talba. Qal illi l-hsara fil-fond tieghu saret minhabba fl-istat hazin tal-fond li kien f’idejn l-atturi u talab illi l-Qorti:-

1. tghid li l-atturi ghandhom iwiegbu ghal din il-hsara;

2. tghid kemm huma d-danni tal-konvenut; u

3. tikkundanna lill-atturi jhallsu dawn id-danni, flimkien ma’ l-ispejjez tal-kawza.

“Nibdew mit-talba ta’ l-atturi.

“Il-kawzali tat-talba ta’ l-atturi hija l-ftehim milhuq bejn il-konvenut u l-awtur taghhom. Dan il-ftehim sar wara li l-offerta tal-konvenut, maghmula kif rajna fl-ittra tas-27 ta’ Awissu 1992, kienet milqugha minn Victor Gauci Borda, kif jixhed il-fatt li ghal xi zmien il-konvenut kien qieghed ihallas mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125) kull sitt xhur.

“Il-kovenut issa qed ighid, fl-ewwel eccezzjoni tieghu, li din l-obbligazzjoni tieghu kienet favur Victor Gauci Borda biss, u ma ntirtitx wara l-mewt tieghu.

“Il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument. L-art. 998 tal-Kodici Civili jghid car illi:-

**998. Ghandu jitqies illi wiehed wieghed jew ftiehem ghalih innifsu, ghalll-werrieta tieghu, u ghal dawk illi minu gejjin il-jeddijiet taghhom, meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mil-ligi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim**.

"Imkien il-ligi ma tghid espressament li l-ftehim bhal dak li ghamel il-konvenut ma' l-awtur ta' l-atturi, aventi causa minnu, ma kienx stipulat ghal dawn ukoll, u ma ngiebet ebda xiehda biex turi li dan kien il-hsieb tal-partijiet. L-obbligazzjoni tikkonsisti fil-hlas ta' somma flus kull tant zmien; ma hemm ebda prestazzjoni ta' natura personali marbuta mal-persuna tal-partijiet li ftiehmu. Ma hemm xejn fix-xorta tal-ftehim li turi li dan ma sarx ukoll fl-interess tas-successuri tal-partijiet.

"L-ewwel eccezzjoni ghalhekk hija michuda.

"It-tieni eccezzjoni trid li l-atturi juru li ghadhom jikru l-garage.

"Fil-fatt l-atturi xehdu li l-garage ghadu f'idejhom ghalkemm ma jistax jintuza, izda l-Qorti ma tarax ghalfejn din il-prova ghandha tkun mehtiega. Ukoll jekk il-kiri ntemm, sakemm il-konvenut ma jurix li kien jintemm ukoll illi kieku ma saritx il-hsara, il-fatt xorta jibqa' li minhabba f'dak li gara l-atturi qeghdin jitilfu d-dhul mill-garage. Jekk il-kiri ghadu ghaddej jista' jkun li xi darba l-garage ikun jista' jerga' jintuza u ghalhekk l-atturi ma jibqghux jitilfu l-qligh; jekk il-kiri ntemm, l-atturi tilfu l-qligh ghal dejjem. Izda sakemm, ghaz-zmien li qeghdin jitolbu l-hlas, baqghu ma jdahhlu xejn mill-garage, ir-responsabilita' tal-konvenut tibqa'.

"It-tieni eccezzjoni wkoll, ghalhekk, hija michuda.

"La darba l-obbligazzjoni tal-konvenut tirrizulta mill-atti, u l-eccezzjonijiet tieghu biex jinhall minn din l-obbligazzjoni ma humiex sejrin jintlaqghu, it-talba ta' l-atturi sejra tintlaqa', izda biss ghas-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm625), li hija daqs il-kumpens ghal sentejn u nofs, skond kif qeghdin jitolbu l-atturi.

"Nghaddu issa biex inqisu l-kontro-talba.

"Il-premessa li fuqha hija mibnija l-kontro-talba hija li l-bini li hemm f'idejn l-atturi kien fi stat hazin. Xiehda ta' dan,

izda, ma ngibitx. Barra minn hekk, il-qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut kien sejjer jintrabat li jhallas lill-awtur ta' l-atturi talli dan, minhabba fil-hsara, ma setax juza aktar il-garage, jekk kien l-istess awtur ta' l-atturi li jahti ghall-hsara. Aktar jidher li kien l-istat hazin tal-fond tal-konvenut li ghamel hsara lill-fond mikri lill-atturi, milli vice versa.

"Il-kontro-talba, ghalhekk, ma tistax tintlaqa'."

**II L-APPELL**

6. Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'rikors ipprezentat fid-29 ta' Lulju 1997, li bih talab fl-ewwel lok illi din il-Qorti joghgobha tannulla u tirrevoka d-digriet tat-28 ta' Jannar, 1997 u tal-25 ta' Frar, 1997 kif ukoll is-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lill-Prim Istanza halli din tigi deciza wara li jinstemghu l-provi tal-konvenut. In linja sussidjarja u minghajr pregudizzju ghall-premess, hu talab ir-revoka tas-sentenza appellata in kwantu din laqghet parzjalment it-talbiet attrici.

7. L-atturi kkontestaw l-appell billi rritnew li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

8. Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 1999, din il-Qorti, diversament komposta, semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel parti tat-talba ta' l-appellant li biha talab ir-revoka tad-digrieti tat-28 ta' Jannar u tal-25 ta' Frar, 1997 kif ukoll tas-sentenza appellata wara li dawn jigu dikjarati nulli u bla effett fil-ligi, u halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel aggravju ta' l-appellant. B'dana l-aggravju tieghu, l-appellant kien qieghed jillanja li bid-digrieti msemmija, l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tieghu biex hu jresaq il-provi tieghu kemm ghall-finijiet ta' l-eccezzjonijiet u kemm ukoll ghall-finijiet ghall-kontro-talba

9. Din il-Qorti tat is-sentenza parzjali taghha fuq l-imsemmi l-ewwel aggravju ta' l-appellant fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2000, fejn, inter alia, iddecidiet hekk:

"Dan l-aggravju hu ghalhekk insostenibbli, anke jekk din il-Qorti tifhem illi, fil-waqt li kellha tiffavorixxi r-rigorozita' ta' l-osservanza tar-regoli tal-procedura, kellha ukoll tqis x'kienet il-prattika sal-lum kif kienu jitmexxew il-kawzi bi procedura approssimattiva u pjuttost laxka li tvarja minn Qorti ghal ohra. Procedura li, bl-emendi li saru bl-Att XXIV tal-1995 u li l-Qrati kienu obbligati li jsegwu, ma thallix wisq spazju ghall-flessibilita'. Fic-cirkostanzi allura din il-Qorti, anke ghaliex hi tal-fehma illi d-deposizzjoni ta' l-appellant hija mehtiega u utili biex din il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni dwar in-natura tal-ftehim mertu tal-kawza, sejra taghtih l-opportunita' li jixhed f'dan l-istadju ta' appell in sostenn ta' l-aggravju tieghu permezz ta' affidavit li ghandu jigi komunikat lill-kontro-parti u li jkollha l-opportunita' li tikkonduci kontro-ezami tieghu fis-seduta li jmiss. Dan l-affidavit ghandu jigi pprezentat zmien xahar mil-lum.

"Ghal dawn il-motivi, <u>l-aggravju proceduraIi</u> ta' l-appellant li bih talab li din il-Qorti tiddikjara nulli d-digrieti ta' l-Ewwel Qorti tat-28 ta' Jannar u tal-25 ta' Frar, 1997 kif ukoll tas-sentenza appellata, qed jigi respint bl-ispejjez kontra l-appellant.

"Il-kawza tibqa' differita ghat-trattazzjoni fil-mertu wara li jsir, fis-seduta li jmiss, il-kontro-ezami ta' l-appellant fuq l-affidavit li hu qed jigi awtorizzat li jipprezenta fir-Registru ta' din il-Qorti sat-30 ta' Gunju, 2000."

10. Jirrizulta li l-appellant naqas li jipprezenta l-affidavit tieghu, kif gie awtorizzat li jaghmel bis-sentenza msemmija. Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2000, il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu. Sussegwentement kien hemm diversi tibdiliet fil-komposizzjoni ta' din il-Qorti u l-kontendenti nghataw l-opportunita` li jitrattaw mill-gdid. Fil-fatt, din il-Qorti, kif issa komposta, semghet biss it-trattazzjoni tad-difensur ta' l-appellant fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2003 (dakinhar l-appellati u d-difensuri taghhom ma deherux) u l-kawza, imbaghad, thalliet ghas-sentenza biex jigu decizi l-aggravj l-ohra ta' l-appellant.

11. Bit-tieni aggravju tieghu, l-appellant qieghed jillanja li l-atturi naqsu milli jipproducu prova sufficjenti dwar l-interess guridiku taghhom. Huwa jirrileva li l-ahhar ricevuta prezentata ggib id-data tat-22 ta' Settembru 1993, u ghalhekk ma hemm l-ebda prova li l-atturi kellhom xi titolu validu favur taghhom sa Awissu 1996, cioe` sal-perjodu li ghalih qeghdin jirreklamaw kumpens f'din il-kawza. L-appellant jghid li l-ebda wiehed mis-sidien tal-fond in kwistjoni ma gie mressaq biex jixhed f'din il-kawza u ma gew prodotti ebda cedoli ta' depozitu jew ricevuti ohra. Inoltre anke r-ricevuti li gew esebiti ma jkoprux il-fond intier izda parti minnu biss. L-appellant izid jghid li l-atturi qed jivvantaw l-azzjoni minhabba li huma gew mcahhda mill-uzu tal-fond allegatament mikri lilhom. Il-prova tad-dritt li jallegaw illi ghandhom l-atturi ghall-uzu ta' dan il-fond ma gietx prodotta u ghalhekk l-appellant jissottometti li t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda.

12. Illi b'dana l-aggravju l-appellant qieghed jinvita lil din il-Qorti li taghmel apprezzament tal-provi differenti minn dak maghmul mill-ewwel Qorti li kellha l-vantagg li tisma' ix-xhieda li xehdu quddiemha *viva voce*. Gie kemm-il darba affermat il-principju li din il-qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti. Biex taghmel dan, irid jigi muri li tali apprezzament kien manifestament zbaljat. Issa, f'din il-kawza xehdu l-atturi, fis-sens li huma inkwilini tal-fond in kwistjoni u anke gabu bhala prova r-ricevuti tal-hlas tal-kera li sar fit-22 ta' Settembru, 1993. Jirrizulta li s-sidien tal-fond in kwistjoni ma baqghux jaccettaw il-kera minghandhom, izda xorta wahda l-atturi jirrizulta li baqghu jiddetjenu l-fond ghaliex huma xehdu fis-sens li qeghdin jiddepozitaw il-kera fir-registru tal-qorti. Min-naha l-ohra, l-konvenut ma gab ebda prova li l-atturi tilfu l-pussess tal-fond in kwistjoni u lanqas ipproduca xi sentenza li turi li l-atturi gew zgumbrati mill-fond in kwistjoni. Konsegwentement it-tieni aggravju ta' l-appellant mhuwiex fondat u qieghed jigi respint.

13. Bit-tielet aggravju tieghu, l-appellant qieghed jallega li l-ftehim bejnu u bejn l-awtur ta' l-atturi cioe` Victor Gauci Borda kien wiehed personali u ma jintiritx. L-appellant

jghid li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm ftehim li kien milhuq bejn il-konvenut u Victor Gauci Borda u dan il-ftehim intiret min-naha ta' l-istess atturi. L-appellant isostni li l-ftehim li gie raggunt bejnu u Victor Gauci Borda kien wiehed ibbazat fuq il-hbiberija li kien hemm bejniethom u fuq it-tama li l-appellant kien ser jirnexxielu jakkwista l-proprjeta` minghand is-sidien u ghaliex l-appellant kien haseb li Victor Gauci Borda kellu titlu lokatizju. L-appellant jallega li wara sar jaf li Victor Gauci Borda ma kienx rikonoxxut mis-sidien kollha u inoltre wara l-mewt tieghu ma saritx il-prova li s-sidien irrikonoxxew lill-atturi bhala inkwilini tal-fond in kwistjoni. L-appellant jghid li l-ftehim kien wiehed personali ghax ma kien hemm l-ebda kuntratt notarili jew skrittura privata u kien hemm biss skambju ta' korrispondenza u konsegwentement kull obbligazzjoni bejniethom – stante n-natura personali taghha spiccat mal-mewt ta' Victor Gauci Borda.

14. Anke dan it-tielet aggravju ma huwiex ben fondat. Infatti, ma ngabu l-ebda provi da parti tal-konvenut li juru li kien l-hsieb tal-partijiet li l-ftehim li ntlahaq bejn l-appellant u Victor Gauci Borda jintemm mal-mewt tieghu. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, l-ftehim ma kienx jikkonsisti fl-ebda prestazzjoni li kienet marbuta mal-persuna *ut sic*, tal-partijiet li ftehmu. Konsegwentement hija applikabbli ghall-istess ftehim id-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 998 tal-Kodici Civili, citat mill-ewwel Qorti.

15. Ir-raba' aggravju ta' l-appellant jaghmel referenza ghall-Artikolu 1571 tal-Kodici Civili. L-appellant qieghed jallega li stante li l-fond iggarraf u ma jistax jigi riparat, kull titolu lokatizju li kellhom l-istess inkwilini tal-fond gie mitmum. L-appellant qieghed jghid li l-post in kwisjtoni huwa post antikissimu u li dan iggarraf minghajr htija ta' l-appellant. Anzi l-appellant qed jallega li l-post iggarraf ukoll minhabba n-nuqqas ta' manutenzjoni da parti ta' Victor Gauci Borda u ghalhekk mhux il-kaz li l-post in kwistjoni jigi riparat u dan fis-sens ta' l-Artikolu 1571 fuq imsemmi. L-appellant ghamel riferenza ghall-kawza deciza fil-Volum 42, it-Tieni Parti, pagna 110 li kkwotat bl-approvazzjoni l-bran ta' Ricci fejn jinghad "si ripara cio che

e` ed ha bisogno di essere conservato mentre si ricostruisce cio che non e` piu`".

16. L-appellant ma gab ebda prova ta' l-allegazzjonijiet fattwali li qed jaghmel f'dan l-aggravju tieghu. Anzi l-provi migbura fil-process juru proprju l-kuntrarju. In fatti kien il-konvenut stess f'ittra lil Victor Gauci Borda li ggib d-data tas-27 ta' Awissu 1992, u li tinsab a fol. 5 tal-process, li turi, minghajr ebda ombra ta' dubju, li l-konvenut assuma r-responsabbilita` ghall-akkadut:
"… As for the loss of income of Lm50 per car totalling Lm250.00 per annum I hereby accept full responsibility to compensate you in full…."

Kien bis-sahha ta' din l-assunzjoni ta' responsabbilita` li l-appellant beda jhallas mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125.00) kull sitt xhur lil Victor Gauci Borda biex jikkumpensah ghall-fatt li ma setax jibqa' jaghmel uzu tal-garage in kwistjoni. Minn dak iz-zmien 'l hawn il-konvenut ma gab l-ebda prova li s-sitwazzjoni nbiddlet u ghalhekk anke dan ir-raba' aggravju ta' l-appellant huwa respint.

17. L-appellant ghamel referenza ghall-kontro-talba interposta minnu. Huwa ssottometta li l-atturi, jekk ghandhom xi forma ta' titolu ta' lokazzjoni, ma pprezentaw l-ebda talba kontra s-sidien sabiex jikkawtelaw il-posizzjoni taghhom u minhabba dan in-nuqqas da parti taghhom, l-appellant gie ppregudikat serjament u konsegwentmenet huwa ssottometta li l-atturi f'dan ir-rigward huma responsabbli ghan-nuqqas taghhom fil-konfront ta' l-appellant.

18. Kif diga` nghad, il-konvenut ma ressaq ebda prova biex jissostanzja l-fatti allegati fil-kontro-talba tieghu. Din il-Qorti hija pjuttost perplessa bl-argument espost mill-appellant fil-paragrafu precedenti ghaliex il-provi juru li kien l-istat hazin li fih kien mizmum il-fond tal-konvenut li ghamel il-hsara lill-fond mikri lill-atturi u mhux vici-versa.

19. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appelleta fl-intier taghha. L-ispejjez tas-

sentenza ta’ l-ewwel Qorti tal-11 ta’ Lulju 1997, kif ukoll l-ispejjez tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta’ Mejju 2000, ghandhom jithallsu kif gie deciz fl-istess sentenzi, waqt li l-ispejjez kollha konnessi mas-sentenza odjerna ghandhom jithallsu kollha kemm huma mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------